MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 2100/2002/1

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**vs**

**Mario Pickard u Mario Fenech f' isimhom proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem Trattoria Caraffa; u b' digriet tat-30 ta' Gunju 2003 giet ordnata il-kjamata in kawza tas-socjetajiet Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, Ideal Dwellings Limited u Ideal Entertainment Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Novembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,144.24) rapprezentanti hlas fuq prezz ta' ikel u 'foodstuffs' ordnati mil-konvenuti, lilhom kkonsenjat u mhux imhallsa, skond kif jidher fuq il-prospett immarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali mibghuta fid-19 ta' Awissu, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull invoice kontra l-konvenuti jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti u s-socjetajiet kjamati in kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti u s-socjetajiet kjamati in kawza gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti u s-socjetajiet kjamati in kawza ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,144.24) bl-imghax pagabbli mid-data ta' kull invoice sal-hlas effettiv. .

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti u s-socjetajiet kjamati in kawza skond il-ligi."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Mario Pickard li talab ir-revoka taghha fil-konfront tieghu. Huwa jikkontesta lit-Tribunal il-motivazzjoni u konkluzjoni tad-decizjoni b' dawn l-obbjezzjonjiet:-

(i) Huwa kien deher meta ssejjah in subizzjoni mis-socjeta` attrici u effettivament xehed fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2003;

(ii) Huwa naqas li jidher fis-seduta li fiha nghatat is-sentenza stante li kellu kondizzjoni serja f' ghajnejh u kien rikoverat l-Isptar. Ciononostante, it-Tribunal cahad it-talba tieghu ghal differiment u ghadda biex ippronunzja s-sentenza;

(iii) Fil-meritu, kien sufficcjentement indikattiv mid-dokumenti esebiti illi l-kontrattazzjoni ma saretx mieghu personalment izda fil-kwalita tieghu ta' direttur tas-socjetajiet imsejha fil-kawza mill-istess socjeta` attrici;

Jidher bil-bosta evidenti illi l-appellanti ma jistax ikollu ragun fl-ewwel u t-tieni obbjezzjonijiet, konsiderati flimkien. Dan ghar-raguni ovvja illi ma tistax tkun accettata s-sottomissjoni illi hu deher biex iwiegeb ghas-subizzjoni u fl-istess waqt ma deherx meta giet pronunzjata s-sentenza. Mill-inkartament tal-kawza jidher ben evidenti illi l-jum li fih kellu jwiegeb ghal kapitolu u li fih nghatat is-sentenza ikkoincidew. L-appellanti xehed iva fit-30 ta' Gunju 2003 izda mbaghad fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2004 ma deherx biex iwiegeb ghal kapitolu ntavolat fis-seduta precedenti tas-26 ta' Ottubru 2004. Ara verbal a fol. 66. Dakinhar stess it-Tribunal ghadda ghas-sentenza;

Ikkjarit dan il-punt, il-vera kwestjoni li timmerita deliberazzjoni hi dik jekk it-Tribunal agixxiex skond l-ispirtu tal-ligi meta, ghalkemm b' quddiemu certifikat mediku rilaxxjat mill-Ophthalmic Outpatients ta' l-Isptar San Luqa (esebit a fol 67), iddeklina li jaccetta t-talba li saritlu ghad-differiment;

Bir-rispett kollu din il-Qorti, wara li rreflettiet hafna fuq il-materja, ma thossx li tista' taqbel mad-digriet tat-Tribunal li permezz tieghu cahad it-talba ta' l-appellanti ghad-differiment rikjest;

Issa m' hemmx dubju illi l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, citat b' sostenn mit-Tribunal fis-sentenza tieghu, jippostula bhala sostrat baziku tieghu "l-kontestazzjoni personali" ossija l-"attendenza fizika ghas-smigh". Ara "**Emanuel Caruana *nomine* -vs- Elaine Cachia**", Appell, 22 ta' Novembru 1996;

Dan ma jfisserx pero` illi jekk parti ma tidherx, f' dan il-kaz biex twiegeb ghall-kapitoli, dan necessarjament iqieghed lill-parti f' sitwazzjoni procedurali peggjorata ghalih bil-konsegwenzi kollha relattivi ghal dan in-nuqqas ta' attendenza. Biex dan ikun hekk il-kaz irid qabel xejn jigi determinat u stabbilit illi hu mhux biss naqas li jattendi fizikament izda fuq kollox, fl-ambitu tal-materja kapitolata, li hu naqas li jgib dik ir-"raguni tajba" li jippreskrivu kemm l-Artikolu 698 (2) kif ukoll l-Artikolu 702 (3) tal-Kapitolu 12, ukoll citati mit-Tribunal;

Hu pacifikament assodat f' gurisprudenza uniformi illi raguni tajba jew "*giusta causa*" li kien isemmi t-test Taljan antik, tekwivali ghal dak l-impediment legittimu li jippreciza d-Dritt Ruman "*secondo cui il convenuto poteva sottrarsi dalle conseguenze della sua contumacia, giustificandone, come presso noi, le ragioni con legittime cause numerate nel Titolo delle Pandette No. XI 'si quis cautionibus in judiciis sistendi causa factis non obtemperaverit', dimostranti tutto un impedimento legale o di fatto indipendente dalla volonta dei contumaci*" (**Kollez. Vol. IV pagna 138** u **Vol. XXV P I p 1126**). Li jfisser illi jekk il-konvenut jirnexxielu jiddemostra tali raguni tajba ghan-nuqqas tieghu ta' komparizzjoni l-presunzjoni legali tal-konfessjoni li tisemma fil-precitati artikoli "*viene distrutta*" (**Kollez. Vol. XXV P I p 744**);

In rijassunt tal-gurisprudenza konkordi fuq il-materja, il-principju regolatur hu ghalhekk dak illi r-raguni tajba biex il-parti ma tidherx quddiem il-qorti jew tribunal, ghalkemm ikunu saru kapitoli kontra taghha, ghandha tikkonsisti f'

impediment legittimu jew zball invincibbli li minhabba fihom il-parti ma setghetx tirrispondi ghal kapitoli. Sal-lum din il-gurisprudenza jidher li baqghet immutata kif ezemplifikat mis-sentenzi a **Vol. XXXII P I p 693; Vol. XLI P I p 769; Vol. XLVII P I p 587** u “**Anthony Borg -vs- Samuel Veneziani**” Appell, 28 ta’ April 1998, fost bosta ohrajn;

Applikat dan il-principju fil-kaz prezenti hi l-fehma tal-Qorti illi, rinfaccjat b’ certifikat mediku, it-Tribunal ma kellux leggerment jinjorah u jghaddi ‘l quddiem billi jqis il-kapitolu di fronte wkoll ghall-konvenut appellant bhala mistqarr. *Ex facie* dan ic-certifikat kien jidher car illi l-appellanti kellu gustifikazzjoni legittima biex ma jattendix u ghalhekk ma kellux jitqies in kolpa. Huwa inutili illi s-socjeta` appellata tirreferi ghas-seduti li fihom l-appellanti naqas li jressaq provi. Dan ghaliex is-sentenza tat-Tribunal ma gietx arginata fuq nuqqas ta’ provi izda fuq il-konfessjoni kapitolata;

In vista ta’ dak li ghadu kif inghad u accettat ukoll illi hu verosimili li dakinhar, meta kellu jwiegeb ghall-kapitoli, l-appellanti assentixxa ruhu minhabba raguni ta’ mard il-Qorti tara li kien jezisti dak l-impediment legittimu li ssemmi l-gurisprudenza u dan allura kellu jigi ammess bhala “raguni tajba” dettata mil-ligi. Dan igib ghar-rizultat illi l-kontumacja tieghu kienet gustifikata u ma kienx hemm fil-konfront tieghu l-ostakolu tal-konfessjoni prezunta. Naturalment dan l-appena nghad ma japplikax fil-kaz tal-konvenut l-iehor u tas-socjetajiet kjamati fil-kawza, li, del resto, ma appellawx;

Fic-cirkostanzi u b’ sens ta’ gustizzja l-Qorti tara li hu l-kaz li s-sentenza di fronte ghall-appellanti tigi mwarrba u tghaddi biex tiddeciedi t-talba di fronte ghalih fit-termini tas-subinciz (4) ta’ l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380 wara li tisma’ l-prova li l-appellant intenzjonat iressaq kif minnu precizat fil-korp tar-rikors ta’ l-appell.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tiddikjara gustifikata l-kontumacja ta' l-appellanti fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2004 quddiem it-Tribunal, u filwaqt li twarrab il-konfessjoni prezunta tieghu tal-materja kapitolata, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata limitatament fil-konfront tieghu. Tordna per konsegwenza u b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380 it-trattazzjoni tal-kawza fil-meritu fil-konfront ta' dan l-appellant. L-ispejjez f' dan il-konfront jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali;

Tiddiferixxi l-kawza ghat-trattazzjoni ghas-seduta tat-22 ta' Gunju 2005.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------